MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 231/2012

A B

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet :

Illi hija zzewget lil C B fid-29 (disa' u ghoxrin) ta' Gunju 1990 (elf disa mija u disghin) fir-Registru Pubbliku ta' Malta, skond l-anness certifikat hawn immarkat bhala Dokument A;

Illi l-partijeit sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 15 ta' Gunju 1992, in atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel, hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'B';

Illi l-partijet ma kellhomx tfal minn dan iz-zwieg;

Illi l-partijet huma finanzjament indipendenti minn xulxin, u huma rrinunzjaw ghal maneniment minghand xulxin;

Illi inoltre, l-partijiet ilhom ferm oltre erba' snin ma jabitaw flimkien, u ma tezisti l-ebda prospett ta' rikkonciljazzjoni bejniethom;

Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tiddikjara li z-zwieg taghha hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u sabiex tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' April, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Gunju 1992 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat illi l-partijiet ma kellhomx tfal minn dan iz-zwieg u illi huma t-tnejn irrinunzjaw illi jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tiddikjara il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------